



2018/2119(INI)

18.2.2019

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika:
Stharriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2019
(2018/2119(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Iskra Mihaylova

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi li l-ekonomija tal-UE qed tkompli tikber, l-impjegi żdiedu u d-distakk fl-investiment li rriżulta mill-kriżi kważi għalaq, għalkemm l-investiment pubbliku għadu taħt il-livell ta' qabel il-kriżi, b'lakuni ewlenin f'xi wħud mill-pajjiżi li l-aktar intlaqtu mill-kriżi; jirrimarka, madankollu, li l-vulnerabbiltajiet għadhom jippersistu, it-tkabbir sostenibbli ma bbenefikax lil kulħadd bl-istess mod, ir-rati ta' qgħad għadhom għoljin f'bosta Stati Membri, u d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali, reġjonali u territorjali għadhom kwistjoni ta' tħassib ewlieni; jirrimarka li, minkejja l-fatt li l-investimenti żdiedu, l-impatt tagħhom fuq il-produttività ma kienx biżżejjed, u li l-iffukar aħjar tal-investimenti tal-politika ta' koeżjoni u tal-komplementaritajiet tagħhom ma' programmi oħrajn tal-Unjoni, u b'investimenti pubbliċi u privati, huma għalhekk meħtieġa sabiex tiżdied il-produttività u jittaffew id-differenzi bejn l-Istati Membri; jinnota li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) għandu jiffoka wkoll fuq it-titjib tal-aspetti soċjali u fuq il-kisba ta' tkabbir sostenibbli;
2. Jenfasizza li l-UE għandha tappoġġja l-irkupru previst b'politiki ekonomiċi li jipproteġu s-servizzi pubbliċi u jtejbu l-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi ta' interess ġenerali;
3. Ifakkar li, fl-2017, l-investiment pubbliku bħala perċentwal tal-PDG fl-UE (2,7 %) u fiż-żona tal-euro (2,6 %) kien ferm taħt il-medja għal dawn l-aħħar 10 snin (3,2 % u 3,0 %, rispettivament); jinnota li, għal din ir-raġuni, l-investiment pubbliku għandu jissaħħa b'mod sinifikanti biex jikkompensa għas-snin ta' tnaqqis ikkawżati mill-kriżi finanzjarja, u għandu jissodisfa l-ħtieġa urġenti għal investiment fl-infrastruttura u s-servizzi pubbliċi; josserva li l-investiment pubbliku jibqa' prijorità u m'għandux jiġi mminat minn sforzi għall-promozzjoni ta' shubbijiet pubbliċi-privati;
4. Jinnota li, skont il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), l-investiment tal-UE fl-infrastruttura għadu 20 % anqas mil-livell ta' qabel il-kriżi, b'34 % tal-muniċipalitajiet jindikaw li mhuwiex qiegħed jissodisfa r-rekwiżiti tagħhom, filwaqt li l-UE teħtieġ investiment infrastrutturali ta' mill-anqas EUR 335 biljun fis-sena;
5. Jirrimarka li s-Semestru Ewropew irid jikkontribwixxi b'mod konsistenti għall-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi u d-disparitajiet, b'mod partikolari dawk ta' natura soċjali, ekonomika u territorjali, bejn ir-reġjuni differenti tal-UE; jenfasizza li l-iżbilanċ ġeografiku kontinwu f'investimenti tal-BEI huwa inaċċettabbli, u huwa ta' tħassib kbir il-fatt li, fl-2017, nofs l-Istati Membri rċevew 80 % tal-investiment totali tal-BEI fl-UE, filwaqt li l-14-il Stat Membru l-ieħor irċevew biss 10 %;
6. Jinnota li l-aħjar risposta għat-tħassib taċ-ċittadini huwa li jingħata appoġġ għal żieda fil-qligħ reali u jsir sforz akbar permezz ta' investiment favur il-ħolqien ta' mpjegi ta' kwalità, tingħata spinta lid-domanda domestika u billi tiġi żgurata distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid iġġenerat; iqis li l-UE għandha tikkontribwixxi għall-flessibbiltà tal-PST billi toħloq spazju fiskali għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

7. Jirrimarka li s-Semestru Ewropew għandu, bħala prijorità, jikkontribwixxi għat-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jimmonitorja t-twettiq tal-20 prinċipju ewleni tiegħu, b'enfasi partikolari fuq il-garanzija ta' trattament u ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel, il-protezzjoni soċjali, l-aċċess għas-servizzi essenzjali kollha, id-dritt għal paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, u d-dritt għal servizzi tal-kura tas-saħħa affordabbli ta' kwalità tajba;
8. Ifakkar li s-Semestru Ewropew għandu jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-miżuri fil-għlieda kontra l-evazzjoni u l-frodi tat-taxxa, biex b'hekk jiġu ġġenerati fondi ta' investiment pubbliku u riżorsi addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;
9. Jirrimarka li s-Semestru Ewropew għandu jqis il-promozzjoni tal-aċċess għal protezzjoni soċjali effettiva f'konformità mal-prinċipji rilevanti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li l-Istati Membri jridu jiġu mħeġġa jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ineħħu l-ostakli għat-tgawdija tad-drittijiet tal-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema u joħlqu sistemi ta' protezzjoni soċjali komprensivi, u li għalhekk is-Semestru Ewropew għandu jimmonitorja l-progress tal-Istati Membri fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni u fl-iżvilupp ta' sistemi li jiggwarantixxu aċċess għall-protezzjoni soċjali għal kulħadd;
10. Jirrimarka, għalhekk, l-importanza li tinżamm l-attenzjoni tas-Semestru Ewropew fuq it-twettiq ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'aktar koordinazzjoni tal-politika nazzjonali u tal-UE, sabiex jinħolqu aktar impjiegi ta' kwalità tajba fl-UE, biex titnaqqas id-diskrepanza fil-pagi u fil-pensjonijiet;
11. Jenfasizza li s-Semestru Ewropew għandu jiffoka fuq iż-żieda fil-produttività permezz ta' investiment akbar fl-infrastruttura, l-edukazzjoni u t-taħriġ, is-saħħa u r-riċerka u l-innovazzjoni, u li din il-produttività akbar għandha tiġi riflessa f'żieda fil-pagi;
12. Jenfasizza li d-dħul baxx fl-Ewropa jibqa' sfida, li l-konċentrazzjoni tal-ħaddiema fuq in-naħa t'isfel tal-iskala tal-pagi u r-rati għoljin ta' faqar huma sinjal ċar ta' politiki li jistabbilixxu l-pagi, u li d-differenza bejn il-pagi tal-ġeneri, flimkien mal-impjiegi prekarji, b'mod speċjali fost iż-żgħażaġh, tibqa' problema serja li jeħtieġ li tiġi solvuta b'urġenza;
13. Jitlob li s-Semestru Ewropew jinkludi l-qerda tal-faqar bħala waħda mill-prijoritajiet tiegħu, kif indikat fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs);
14. Jenfasizza li l-popolazzjonijiet li qed jixxjeh għandhom iħeġġu lill-gvernijiet jinvestu aktar fil-protezzjoni tal-anzjani u mhux anqas, kif issuġġerit mill-PST, l-investiment pubbliku fis-saħħa għandu jkun proporzjonali mal-ħtieġa, l-aċċessibbiltà għall-kura tas-saħħa għandha tiġi vvalutata regolarment, billi jitqies l-introjt disponibbli medju individwali u l-impatt fuq l-unitajiet domestiċi, u jridu jittieħdu miżuri għall-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-investiment fil-kura tas-saħħa preventiva, li hija essenzjali f'soċjetà li qed tixxjeh;
15. Jitlob li s-Semestru Ewropew jikkontribwixxi b'mod attiv biex jiġu indirizzati, b'mod sostenibbli, l-isfidi demografiċi (it-tixxjeh, it-tnaqqis fil-popolazzjoni, il-pressjoni demografika, l-inabbiltà li jiġi attirat jew miżmum kapital uman adegwat) li qed jaffettwaw ir-reġjuni Ewropej b'diversi modi speċifiċi; jenfasizza b'mod partikolari l-

ħtieġa li jingħata appoġġ adegwat lil ċerti territorji, bħalma huwa l-każ għal ċerti reġjuni ultraperiferiċi;

16. Jenfasizza li s-Semestru Ewropew għandu jinkludi analiżi bir-reqqa tal-impatt tat-tibdil teknoloġiku fuq is-suq tax-xogħol fuq perjodu ta' żmien medju u twil; jirrimarka li, filwaqt li l-bidla teknoloġika tista' toħloq opportunitajiet għal impjiegi ġodda jew aħjar u għal postijiet tax-xogħol aktar sikuri, illum ta' spiss hija assoċjata mal-eliminazzjoni tal-impjiegi jew mal-ħolqien ta' mpjiegi prekarji;
17. Jenfasizza li l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-UE jiddependi fuq l-aderenza mal-valuri fundamentali tagħna;
18. Jenfasizza li waħda mill-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew trid tkun li jiġu protetti u appoġġjati l-popolazzjonijiet u t-territorji li jsofru mill-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni (bħar-rilokazzjoni u t-telf tal-impjiegi);
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom u jieħdu aktar miżuri bil-għan li jstimulaw l-investimenti privati u pubbliċi u aktar sħubijiet, biex jinħolqu aktar impjiegi u jiġi mmassimizzat bis-sħiħ il-valur miżjud tal-fondi ta' politika u tal-kumplimentaritajiet u sinerġiji ma' programmi u ma' strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni;
20. Jenfasizza li l-grad ta' involviment tal-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali għadu baxx, u li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom jagħmlu aktar biex jiżguraw li jiġu kkonsultati;
21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementaw monitoraġġ bir-reqqa u komplut tat-tipi kollha ta' tenuta ta' djar, kif ukoll iwettqu riċerka u jeżaminaw id-differenzi ġeografiċi bejn żoni b'domanda baxxa u swieq tad-djar b'domanda qawwija, fost kwistjonijiet oħra importanti, sabiex tittejjeb il-bażi analitika tal-valutazzjoni tal-akkomodazzjoni fir-rapporti tal-pajjiżi u fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi;
22. Jappoġġja l-fehma li l-investment, l-innovazzjoni, l-għarfien u r-riformi strutturali jwettqu parti importanti biex l-Ewropa ssir aktar b'saħħitha u aktar koeżiva; jirrimarka, f'dan il-kuntest, li l-investment taħt il-politika ta' koeżjoni, li għandu rwol ewlieni u li ma jistax jiġi sostitwit minn strumenti oħra, jipprovdi l-akbar sehem ta' appoġġ finanzjarju tal-UE, li jammonta għal EUR 638 biljun flimkien mal-kofinanzjament nazzjonali għall-perjodu 2014–2020, u jipprovdi valur miżjud Ewropew billi jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali, l-innovazzjoni u l-protezzjoni ambjentali, billi jindirizza sfidi ġodda bħas-sigurtà, l-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati taħt protezzjoni internazzjonali, kif ukoll billi jikkontribwixxi għall-investment pubbliku u privat, flimkien ma' riformi xierqa biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-inklużività, il-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva;
23. Iħeġġeġ li jiġi evalwat l-impatt tal-politiki ta' riċerka u innovazzjoni fuq l-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku u soċjali tal-Istati Membri;
24. Jilqa' bi pjaċir il-proposti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss u r-rabtiet imsaħħa bejn il-politika ta' koeżjoni u l-proċess tas-Semestru Ewropew għat-twettiq ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv, billi tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni

ultraperiferiċi, imbiegħda, anqas żviluppati jew b'popolazzjoni baxxa; jiddeplora, madankollu, it-tnaqqis fir-riżorsi proposti għall-politika ta' koeżjoni, u jinsisti li l-finanzjament għandu jinżamm fil-livell kurrenti; jitlob l-adozzjoni rapida u f'waqtha tal-pakkett tal-QFP u r-regolamenti tal-politika ta' koeżjoni sabiex jiġi evitat kwalunkwe dewmien possibbli fl-implimentazzjoni; jilqa' bi pjaċir ir-reqwizit taħt il-QFP il-ġdid biex kwart tan-nefqa tmur fuq objettivi klimatiċi, peress li t-tibdil fil-klima huwa kwistjoni importanti fuq perjodu ta' żmien twil;

25. Jinnota l-enfasi aktar qawwija tas-Semestru Ewropew 2019 fuq il-ħtiġijiet ta' investiment biex jiġu appoġġjati d-deċiżjonijiet ta' programmazzjoni għall-perjodu mill-2021 sal-2027 u l-anness il-ġdid previst għar-rapporti tal-pajjiżi tal-2019, li fih il-ħtiġijiet ta' investiment li huma rilevanti għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) matul il-perjodu 2021-2027 se jiġu identifikati; iqis li għandha ssir enfasi akbar fuq il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi, anke permezz tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, billi jiġu implimentati għodod effettivi u jiġu mmirati r-riżorsi għal dan il-għan;
26. Jenfasizza l-importanza li jitkompla u jiġi intensifikat l-appoġġ tal-FSE+ għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, fid-dawl tar-rwol tagħhom li jissodisfaw l-isfidi tal-impjieġ, tat-tkabbir ekonomiku, tal-inklużjoni soċjali, tat-tagħlim u tat-taħriġ vokazzjonali;
27. Iqis li hemm ħtieġa ta' aktar simplifikazzjoni u ta' flessibilità akbar fost il-fondi, il-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni biex il-finanzjament tal-UE għal proġetti strateġiċi ta' investiment ikun aktar sempliċi, aktar effiċjenti u ġeografikament ibbilanċjat. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura;
28. Jinnota li l-politika ta' koeżjoni trid timmira li tipromwovi l-iżvilupp armonjuż u bbilanċjat tal-Unjoni kollha u tar-reġjuni tagħha, li jwassal għat-tiżiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha, fi spirtu ta' solidarjetà u bl-għan li jiġu promossi t-tkabbir sostenibbli, l-impjieġ, l-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tad-disparitajiet bejn u fir-reġjuni, kif ukoll biex tingħata għajnuna lir-reġjuni li huma inqas favoriti biex jегħlbu s-sottożvilupp;
29. Jirrimarka li s-seba' rapport dwar il-koeżjoni jiġbed l-attenzjoni lejn id-diversità kbira tar-reġjuni u tat-territorji, inkluż dawk fil-kategoriji kurrenti, minħabba l-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom (lokazzjoni ultraperiferika, densità ta' popolazzjoni baxxa, bi dħul baxx, bi tkabbir baxx, eċċ.), li jindika l-ħtieġa ta' approċċ territorjali mfassal apposta;
30. Jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 349 tat-TFUE fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi minħabba d-distanza ġeografika, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija diffiċli u l-klima, u d-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti;
31. Jitlob għal Semestru Ewropew li jappoġġja l-kooperazzjoni territorjali Ewropea (ETC) fid-dimensjonijiet kollha tagħha (kooperazzjoni transfruntiera, transnazzjonali u interreġjonali, kemm interna kif ukoll esterna), biex b'hekk tiġi garantita azzjoni litwettaq l-għanijiet globali tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll biex jingħata kontribut għas-solidarjetà;

32. Itenni l-importanza tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni;
33. Jinnota li ċerti reġjuni Ewropej huma partikolarment esposti għall-impatt tal-Brexit, u l-irtirar tar-Renju Unit jista' jkollu impatt negattiv fuq il-politika ta' koeżjoni b'mod ġenerali; jenfasizza li wieħed mill-objettivi tas-Semestru Ewropew għandu jkun li jimminimizza l-impatt negattiv ta' Brexit fuq ir-reġjuni Ewropej differenti affettwati, u li jikkontribwixxi b'mod attiv għat-tisħiħ tal-politika ta' koeżjoni, li kellha rwol sostanzjali fl-irkupru tal-ekonomija tal-UE permezz tal-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	14.2.2019
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Victor Boștinaru, Mercedes Bresso, Andrea Cozzolino, Rosa D'Amato, Tamás Deutsch, John Flack, Iratxe García Pérez, Krzysztof Hetman, Sławomir Kłosowski, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Martina Michels, Iskra Mihaylova, Andrey Novakov, Mirosław Piotrowski, Stanislav Polčák, Liliana Rodrigues, Fernando Ruas, Monika Smolková, Ruža Tomašić, Ramón Luis Valcárcel Siso, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij, Derek Vaughan
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Martina Anderson, Elsi Katainen, Ivana Maletić, Bronis Ropė, Davor Škrlec

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

28	+
ALDE	Elsi Katainen, Iskra Mihaylova, Matthijs van Miltenburg
ECR	John Flack, Sławomir Kłosowski, Mirosław Piotrowski, Ruža Tomašić
PPE	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Tamás Deutsch, Krzysztof Hetman, Ivana Maletić, Lambert van Nistelrooij, Andrey Novakov, Stanislav Polčák, Fernando Ruas, Ramón Luis Valcárcel Siso
S&D	Victor Boștinaru, Mercedes Bresso, Andrea Cozzolino, Iratxe García Pérez, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Liliana Rodrigues, Monika Smolková, Derek Vaughan
VERTS/ALE	Bronis Ropé, Davor Škrlec

3	-
EFDD	Rosa D'Amato
GUE/NGL	Martina Anderson, Martina Michels

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni